**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Jannar 2020**

**Talba Nru: 142/19 CZ**

**Brandon Pace u Andrea Csosz**

**vs.**

**Dr Mary Grace sive Graziella Buhagiar**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-atturi mressqa fl-24 ta' Gunju 2019 li biha premettew illi:

Fis-7 ta' Novembru, 2016 ghall-habta ta' 12:00 hrs fi Triq Mikiel Anton Vassalli l-Imsida, Dr Mary Grace sive Graziella Buhagiar bi traskuragni, b'imperizja u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, unikament kienet responsabli ghall-incident tat-traffiku meta saqet il-karozza taghha ta' l-ghamla Land Rover, numru ta' registrazzjoni FCG 796, b'mod perikoluz, bla control u b'manjiera traskurata u sahanisitra tajjret il-mutur tal-ghamla Peugot Scooter, numru ta' registrazzjoni CBZ

082, u sofrew griehi is-sewwieq tal-mutur Brandon Pace u partikolarment il-passigiera tieghu Andrea Csosz.

Il-konvenuta ghandi tigi kkundannata thallas lill-attur [sic] is-somma ta’ elfejn u tmin mitt euro (€2,800) rapprezentanti spejjez sborsati konsegwenza ta’ dan l-incident.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittri legali datati 6 ta’ Dicembru 2016 u 1 ta’ Novembru 2017, u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta’ dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta imressqa fl-14 t’Awwissu 2019 li permezz taghha eccepiet:

Preliminarjament din l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

Illi fil-meritu u bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma’ kinitx b’ebda mod responsabbli ghall-incident li sehh fis-7 ta’ Novembru, 2016 gewwa l-Msida, waqt li hija kienet qed isuq il-vettura numru FCG 796. Dan l-incident gara unikament tort tal-attur, Brandon Pace, is-sewwieq tal-mutur numru CBZ 082 u dana kif sejjer jigi puvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi wkoll u bla pregudizzju ghas-suespost, id-danni kif pretizi mill-atturi huma ghal kollox ecessivi.

Illi in vista tal-premess it-talbiet attici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

Salv ecezzjonijiet ohra.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Ra illi b'digriet tal-24 ta' Settembru 2019 laqa' t-talba tal-konvenuta sabiex tinghata sentenza qabel xejn dwar l-ewwel eccezzjoni, tal-preskrizzjoni.

Ra d-dokumenti prezentati mill-konvenuta, cioe' sentenza tat-Tribunal Arbitrali fl-ismijiet premessi, kif ukoll ir-referenza ghall-gurisprudenza maghmula mill-konvenuta.

Ra n-nota ta' osservazzjonajiet tal-atturi prezentata fid-19 ta' Novembru 2019.

Ra d-digriet tieghu tas-7 ta' Jannar 2020 li permezz tieghu laqa' t-talba tal-konvenuta ghall-isfilz tal-affidavits prezentati mill-atturi, ghar-ragunijiet hemm imsemmija.

Ikkunsidra ulterjorment:

Illi l-qofol tal-kwistjoni dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija illi filwaqt li l-konvenuta tinsisti illi l-proceduri tal-arbitragg ma interrompewx il-preskrizzjoni skond kif irid l-Artikolu 2131 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atturi jsostnu li l-procedura arbitrali tinvolvi ksur tal-preskrizzjoni ghaliex hija procedura gudizzjarja.

Illi l-istess Artikolu 2131 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> 2131. Il-preskrizzjoni tinkiser b'talba ġudizzjarja, ukoll jekk din it-talba ma tkunx ġiet innotifikata lill-konvenut minħabba li jkun nieqes minn Malta jew għal xi raġuni tajba oħra, basta li l-atturjissokta l-kawża kontra kuratur maħtur mill-qorti, bil-mod li jingħad fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u jieħu sentenza fuq dik it-talba.

Illi in sostenn tal-argument taghha l-konvenuta ticcita s-sentenza *Middlesea Insurance plc et vs. Gevimida Limited*[1]. B'din is-sentenza, il-Qorti tal-Magistrati kienet interpretat Artikolu 2131 fis-sens illi procedura mmexxija mic-Centru Malti tal-Arbitragg, ma tikkostitwixxix talba gudizzjarja, u ghaldaqstant, bhala tali ma tistax tikser il-preskrizzjoni. Ir-ragunijiet li kienu nghataw f'dik is-sentenza ghal tali interpretazzjoni kienu ragunijiet relatati mal-fatt illi l-Arbitru, ic-Chairman, u c-Centru nnifsu tal-Arbitragg huwa nieqes mill-element ta' imparzjalita' ghaliex jaqa' taht il-kontroll tal-Ministru, kif ukoll peress li l-Arbitru, a kuntrarju ta' Magistrat jew Imhallef m'ghandux is-sigurta' fl-impjieg u xoghlu mhuwiex full-time u ghat-tul. Dan it-Tribunal pero' ma jaqbilx ma' dik l-interpretazzjoni kif moghtija. Ir-raba' skeda fil-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar l-Arbitragg) tipprovdi b'mod dettaljat dwar kif ghandhom jitmexxew il-proceduri fl-arbitraggi mandatorji. Il-ligi nfisha, fl-istess skeda, tipprovdi:

> It-tilwimiet hawn iżjed 'l isfel imsemmija fit-Taqsima A għandhom jiġu determinati b'arbitraġġ u għandhom jittieħdu f'arbitraġġ taħt ir-regoli msemmija fit-Taqsima B b'żieda ma' dawk ir-regoli li jistgħu jiġu maħruġa miċ-ċentru minn żmien għal żmien.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi la l-ligi nfisha holqot forum <u>esklussiv</u> li jittratta mandatorjament certi kwistjonijiet, tant li jekk wiehed imur bihom quddiem qrati ordinarji tigi lilu eccepita l-kwistjoni tal-kompetenza, ma jfisser xejn iktar hlief li t-talba gudizzjarja imsemmija fl-Artikoli 2131 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta trid tinbeda u tigi trattata fl-arbitragg. Il-fatt illi t-Tribunal Arbitrali mhuwiex qorti ma

[1] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-14 t'April 2010 (449/09 CSH)

jnaqqas xejn mill-eligibilta' tat-talba maghmula quddiemu sabiex taqa' fil-kategorija ta' talba gudizzjarja. Wara kollox, f'hafna kwistjonijiet, it-thaddim tal-process gudizzjarju f'dawn iz-zminijiet qed isir permezz ta' Tribunali mahluqa specifikament mil-ligi, li gew fdati sabiex jezaminaw kwistjonijet ristretti b'kompetenzi li taghti l-ligi nfisha. Wiehed jista' facilment jaghmel referenza f'dan il-punt ghat-Tribunal ghal Revizjoni Amministrattiva, It-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur, it-Tribunal Arbitrali nnifsu, u ghadd ta' fora ohra simili.

Illi mil-lodo tal-arbitragg fl-ismijiet premessi, esebit mill-konvenuta nfisha, jirrizulta illi l-incident de quo sehh fis-7 ta' Novembru 2016, u l-arbitragg gie prezentat fit-23 t'Ottubru 2018, u ghalhekk fit-terminu ta' sentejn. Fit-30 ta' Mejju 2019 inghata l-lodo tal-Arbitru, u sussegwentement giet prezentata t-talba odjerna fl-24 ta' Gunju 2019[2]. Il-kawza odjerna ghalhekk saret zgur fit-terminu, li kien ghadu kemm gie interrott fit-23 t'Ottubru 2018.

**Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta billi jichad din l-eccezzjoni u jordna l-prosegwiment tal-kawza, u jiddifferixxi l-kawza ghas-seduta ta' nhar l-Erbgha, 19 ta' Frar 2020, fil-12.15 PM.**

L-ispejjez ta' din is-sentenza jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur

<Sentenza in parte>

[2] Kuntrarjament ghal dak sottomess mill-atturi fin-nota ta' sottomissjoniijet taghhom, li indikaw id-data tat-12 ta' Settembru 2019 bhala d-data tal-prezentata tal-kawza odjerna.